# Beati u Qaddisin ...Frar

2 Frar  IL-PREŻENTAZZJONI TAL-MULEJ

Meta dahlu fit-tempju Xmun, xwejjah li kien fit-tempju ha t-tarbija f'idejh u gharfu bhala l-imwieghed Messija ghaliex dak il-mument Alla nebbhu din il-verita'. Ftit wara Guzeppi u Marija ltaqghu mal-profetessa Anna li ukoll stqarritilhom li dak kien Messija.  Fl-1 ta' Frar l-Knisja taghmel it-tifkira tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju u fil-Purifikazzjoni tal-Verġni Marija.



Il-ligi mosajka kienet tobbliga li l-genituri joffru t-tarbija taghhom bhala l-ewwel wild lil Alla. U Erbghin jum wara t-twelid ta' Kristu Marija u Guzeppi marru fit-tempju biex jhares l-obbligu tal-ligi. Il-għan ta' din iċ-ċerimonja kien biex il-Lhud jifhmu li l-genituri kellhom jiehdu hsieb l-ulied li Alla jipprovdilhom.

Il-Liġi kienet tgħid ukoll li l-għonja kellhom joffru ħaruf u ħamiema bħala offerta; fil-waqt li l-foqra joffru par gamiem jew żewġ bċieċen.  Din ta' l-aħħar kienet l-offerta tal-Madonna u ta' San Ġużepp, għax kienu fqar. (Lq. 2:22) Din il-festa nafuha wkoll bhala l-Gandlora minhabba li Xmun gharaf lil Gesu' bhala d-"Dawl tad-Dinja.". Minhabba f'hekk dahlet drawwa fil-knisja li jitbierku u jinxteghlu x-xemghat.  Tifsira ohra ta' din il-festa huwa biex ahna niftakru li ghandna ngeddu l-offerta taghna nfusna lil Alla.